# KOLONNA ARTISTIKA TA' L-IRĦAM GĦALL-VARA TAL-MADONNA TAS-SACRO CUOR FIX-XATT TAS-SLIEMA

Nhar il-Ħamis 3 ta' Lulju 1997 ser tiġi inawgurata fix-Xatt Tas-Sliema, kolonna artistika ta' l-irħam sabiex fuqha titqiegħed il-vara ta' barra tal-Madonna Tas-Sacro Cuor. Din hija opra unika ta' l-ogħla livell artistiku u ta' l-ogħla xhieda ta'sengħa u kwalita. Dan il-kapulavur ser ikun l-uniku ta'dan it-tip minħabba li ma teżisti ebda kolonna b'xogħol oriġinali u awtentiku b'diversi kwalitajiet ta' irham, u li tkun waħda mobbli li tintrama u tiżżarma.

Il-moħħ kreattiv wara dan il-kapulavur huwa l-marmista magħruf Ronald Pisani li mhux biss fassal id-disinn iżda ħadem b'idejh stess din l'opra waħdanija li tagħmel l-akbar unur lill-arti u l-kultura ta' pajjiżna.

Id-disinn finali ġie kompletat f'Novembru tas-sena l-oħra wara li kienu saru proposti preliminarji u wara li ġie assigurat li artistikament u estetikament id-disinn kellu stil addattat. Ix-xogħol fuq il-kolonna nbeda f'nofs Jannar 1997 fil-'workshop' ta' l-istess marmista Ronald Pisani li kien jiġi megħjun minn xi partitarji dilettanti u tal-festa. Is-sistema ta' xogħol li ntużat hi tradizzjonali b'lavur manwali.

Il-karatteristika ewlenija tal-kolonna hija l-istil monumentali, b'għoli ta'erbatax (14) il-pied u tiżen madwar erba (4) tunnellati. Intużaw tipi differenti ta' irħam, uħud minnu li nġieb apposta mill-Italja, b'mod partikolari "rosso levante" li nġieb mingħand ditta rinomata f'Montecatini. Intuża rħam speċjali ta' l-akbar finezza bħal "giallo di Siena","rosso Sant'Agata", "rosso di Verona", "verde levante" u "verde gloria", kif ukoll il-"bianco di Carrara". Il-bażi tal-kolonna hi tat-tip ta' irham magħruf bħala "nero marcuina".

Il-parti ta' fuq tal-kolonna hija ffurmata minn erba kolonni bi stil orjentali bil-kuluri vjola, griz u b'inqix indurat. Il-parti tan-nofs għandha żewġ sezzjonijiet, ta' taħt imzejna bl-erba armi li jirrappreżentaw lill-Madonna tas-Sacro Cuor, lis-Soċjeta Filarmonika Sliema, lill-Ordni tal-Franġiskani Minuri u lil tas-Sliema, ilkoll fuq sfond "verde antico". Tkompli mbagħad is-seżżjoni bi stil orientali u b'xeħta klassika fuq sfond ta' irham tat-tip "alebaccio" li ntuża fl-aqwa pedestalli li wieħed isib fid-diversi bażiliki ta' Ruma u li ntuża wkoll għall l-istatwa tal-"Pieta" minn Michelangelo. L-ogħla seżżjoni hi magħmula minn erba obeliski li jdawwru l-istatwa tal-Madonna.

Minn dawn il-punti wieħed jista jieħu ideja żgħira b'din il-kolonna, kif ukoll tax-xogħol kollhu li sar fiha. Ħajr speċjali f'dan is-sens, f'isem il-Kummissjoni Festi u f'isem il-partitarji numerużi tal-Festa Madonna tas-Sacro Cuor imur fuq kollox lill-bravu artista Ronald Pisani għall-kapaċitajiet eċċeżjonali li wera f'din il-biċċa xogħol f'dik li hija kreattivita,arti u sengħa ta' marmista. L-apprezzament imur ukoll speċjalment lil dawk il-voluntiera li taw sehem siewi f'din il-biċċa xogħol fosthom Josef Vella, Brian Vella u Stephen Buhagiar, kif

ukoll Julian Pace u David Grech li ħadmu l-bażi tal-ħadid. Ringrażżjament ieħor iżda mhux inqas imur lis-sinjuri Tonio Portughese, Pio Vella, John Bugeja, Eugenio Coleiro u Alfred Simler għal għajnuna finanżjarja flimkien mal-Kummissjoni Festi sabiex seta jitwettaq dan il-proġett tant ambiżjuz u monumentali.

Il-pubbliku jista jammira dan il-kapulavur artistiku fl-inawgurażżjoni speċjali waqt marċ brijuz mill-Banda Cittadina Sliema fix-Xatt tas-Sliema, flimkien ma spettaklu b' logħob tan-nar, nhar il-Ħamis 3 ta' Lulju fid-9.30p.m.

